# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S. T. O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Frar 2016**

**Numru 17**

**Rikors Numru 239/06 RGM**

**Rita Micallef**

**v.**

**Alfred Micallef**

**Preliminari**

Dan hu provvediment moghti fuq rikors prezentat mill-konvenut appellant fil-mori tal-appell u precizament fis-16 ta' Novembru 2015 li permezz tieghu l-konvenut qed jitlob lil din il-Qorti li, a tenur tal-Artikolu 208 [1] tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, tawtorizzah iressaq quddiem din il-Qorti l-prova li:-

> "l-attrici qieghda tahdem u dan stante n-necessita' u speditezza [sic] tal-produzzjoni ta' din il-prova fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, liema prova ghandha ssir permezz tax-xhieda ta' rapprezentant tal-Korporazzjoni ghat-Tahrig u Impieg u/jew ta' l-attrici nnifisha."

B'verbal registrat fl-udjenza tal-14 ta' Dicembru 2015 l-attrici appellata qed toggezzjona ghat-talba tal-konvenut peress li jirrizulta mir-rikors tal-appell stess illi l-konvenut kien gia` jaf bl-allegazzjoni li l-attrici kienet qeghdha tahdem sa qabel ma nghatat is-sentenza appellata u ghalhekk l-istess konvenut seta' f'dak l-istadju jitlob is-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza biex iressaq il-prova rikjesta fl-ewwel istanza.

Il-konvenut immotiva t-talba tieghu principalment bis-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "…. Jirrizulta li l-attrici qieghda tahdem bi qligh. Wiehed irid jiftakar illi l-attrici dejjem sostniet konsistentement tul id-disa' snin cirka li damu jinstemghu l-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti, illi hija ma tahdimx u li ma tistax tahdem minhabba l-kondizzjoni ta' oesteporosis li tbati minnha…
> "Huwa sar jaf illi martu qieghda tahdem, immedjatament qabel ma nghatat is-sentenza tal-Ewwel Qorti meta l-attrici stess ammettiet [mieghu] dan il-fatt. B' danakollu mill-informazzjoni li ghandu [l-appellant] l-impieg tal-attrici gie registrat ma' l-awtorizzazzjonijiet biss fil-mori ta' dan l-appell u ghalhekk jixtieq illi, f' kaz li l-attrici ma taghzilx illi tikkonferma minn jeddha illi hija tahdem u tizvela hija stess id-dettalji tal-impieg taghha, jinghata d-dritt li jressaq [l-provi fuq indikati quddiem din il-Qorti.]"

In tema legali din il-Qorti tirrebadixxi dak li osservat fil-kawza **Emanuel Zammit v. Charles Polidano**, deciza fil-31 ta' Jannar 2014, li:

> "filwaqt li huwa minnu li parti appellanti tista' tressaq dokumenti mal-appell taghha, dawn id-dokumenti m'ghandhomx ikunu provi godda li setghu facilment gew prodotti fl-ewwel istanza, ghax kif qalet din il-Qorti fil-kawza ***Schembri v. Schembri*** deciza 22 ta' Frar 2013: 'il-funzjoni ta' din il-Qorti hija wahda ta' revizjoni, intiza sabiex tirrevedi dak li jkun sar quddiem l-ewwel Qorti, u mhux li tisma' provi godda li setghu gew prodotti quddiem l-ewwel Qorti'. Il-provi kollha jridu jingiebu quddiem l-ewwel Qorti, u jekk parti tonqos li taghmel dan, ma tistax, wara s-sentenza, tipprova tressaq provi godda biex twaqqa' l-argumenti li l-ewwel Qorti, fuq il-provi prodotti, uzat biex waslet ghall-konkluzjoni taghha". *[ara wkoll digriet moghti fit-28 ta' April 2014 fil-kawza fl-ismijiet [App. 418/2005 Olive Gardens Investments Limited vs Salvu Farrugia et; u App.S 65/77 Salvina Fenech et vs Emanuela Mifsud, 27 Frar 2015]*.

Fil-kaz odjern, il-konvenut qed jallega li l-attrici qieghda tahdem u, kemm fir-rikors tal-appell tieghu kif ukoll fir-rikors in dizamina, jghid li dan sar jafu "immedjatament qabel" ma nghatat is-sentenza appellata. Fir-rikors tal-appell tieghu jghid li hu kien sar jaf bil-fatt allegat minnu "fi stadju ferm inoltrat tal-proceduri in Prim'Istanza, anzi fi stadju fejn kien tard wisq illi jgib dawn ic-cirkostanzi godda ghall-attenzjoni tal-ewwel Qorti".

Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm il-konvenut jishaq fuq il-fatt li l-prova tal-allegazzjoni tieghu hija "ta' importanza fondamentali" fid-determinazzjoni tal-*quantum* tal-manteniment huwa jonqos milli jaghti raguni valida ghaliex skont hu kien tard wisq li jissolleva l-vertenza quddiem l-ewwel Qorti tenut kont tal-fatt li kif jghid hu stess kien sar jaf <u>qabel</u> ma nghatat is-sentenza appellata.

L-allegazzjoni tieghu li "mill-informazzjoni li ghandu … … … l-impieg tal-attrici gie regsitrat mal-awtoritajiet fil-mori ta' dan l-appell" ma tista' tkun ta' ebda konfort ghall-konvenut tenut kont tal-fatt li ladarba kif mistqarr minnu hu kien sar jaf bl-impieg tal-attrici qabel ma nghatat is-sentenza appellata allura hu kellu jiehu l-passi opportuni tempestivament u mhux jibqa' passiv.

Jekk huwa naqas milli juzufruwixxi mill-mezzi li taghtih il-ligi procedurali sabiex f'dak l-istadju jaghmel quddiem l-ewwel Qorti l-istess talba li qed jaghmel issa lil din il-Qorti, allura *imputet sibi* u mhux gustifikat li jipprova jaghmel quddiem din il-Qorti dak li seta' u messu ghamel quddiem l-ewwel Qorti.

Ghar-ragunijiet premessi tichad it-talba tal-konvenut ghar-rikors fuq indikat.

Spejjez a kariku tal-konvenut

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df